*Jikteb il-W. Rev. Kan. Dun Louis Suban, Arcipriet tar-Rabat*



# L-Arloġġ li jgħidli storja

## L-Arloġġ tal-Knisja ta' Marsaxlokk

Kull darba li ninżel Marsaxlokk, u nisma' t-tokki ta l-arloġġ tal-kampnar, nisthajjel lin-nanna Karmena tirrakkuntali mill-ġdid l-istorja ta' l-antenati tiegħi. Kemm kienet tħobb tirrakkonta, u kienet tieħu gost tarana ssummati nixorbu dak kollu li kienet tgħid. Malli nasal lura d-dar, kont inniżżel dak li nkun smajt fuq pitazz biex ma ninsa xejn. Illum dawn in-noti erġajt sibthom, u fittixt ħaġa b'ħaġa kull ma kienet tgħidli n-nanna f'gazzetti antiki, f'arkivji u ittri oħra u sibt kollox eżatt kif kienet tgħidli hi.



Il-magna ta' l-Arloġġ ta' Marsaxlokk

Eżattament nhar l-20 ta' Marzu 1843, wasal Malta minn Trieste daqsxejn ta' ġuvnott ta' erbgħa u għoxrin sena, jismu André Suban. Kien ilu għoxrin ġurnata fuq il-baħar, u din kienet l-ewwel safra tiegħu. F'dik il-ħabta, l-Italja kienet għaddejja minn taqlib kbir, ġlied u gwerer ma' kullimkien. Is-sengħa tiegħu, dik ta' Arluġġar, ma tantx kienet tirrendilu wisq fi żmien il-gwerra. Għalhekk għamel f'rasru li jfittex post għall-kwiet.

Malta taħt l-Ingliżi, f'nofs is-seklu dsatax, kienet art tajba għan-nies tas-sengħa tiegħu. L-interess fl-arloġġi fost is-suldati u fizzjali ingliżi, kif ukoll fost in-negozjanti u n-nobbli maltin, kien qed jikber ġmielu. André ħassu jieħu r-ruħ, u sab post il-Birgu. Hemmhekk iltaqa' ma' Lorenzo Saliba u martu Anna Maria, u sar ħabib tagħhom, speċjalment ma' binthom Rosaria, li żżewwiġha fl-1849. Dan iż-żwieġ kien imbierek b'ħamest ibniet u tewmin subien – Lorenzo u Ġużeppi. Dakinhar li twieldu t-tewmin, André ħareġ barra fit-triq igħajjat bil-ferħ.

Il-ħanut ta' André kien fi Strada Merkanti, numru 215. Hemmhekk kien isewwi l-arloġġi ta' kull tip, kif ukoll ibiegħ aċċessorji li għandhom x'jaqsmu mas-sengħa tiegħu. Malli t-tewmin bdew jitfarfru, beda jeħodhom miegħu l-ħanut, biex inissel fihom in-namra u l-għira għax-xogħol. Mhux l-ewwel darba li kien iqabbadhom xi biċċa xogħol żgħira, iżda aktar kien isus fuqhom biex jistudjaw speċjalment fil-linja tal-mekkanika.

André ma kienx xi sinjur, anzi kien jaqlagħha u jiekolha. Il-familja mdaqqsa li kellu ma kien iħallieha nieqsa minn xejn. Il-bniet dik il-ħabta ma kienux iġibu sold id-dar. André kien jistinka ħafna fix-xogħol tiegħu, u minkejja li kellu biss 55 sena, saħħtu bdiet sejra lura. Spiss beda jħossu għajjien, u kultant lanqas saħħa biex jirkeb id-dgħajsa biex imur il-Belt ma kien ikollu! Il-ħanut bdiet tiftħu Rosaria martu, flimkien maż-żgħar, li issa bdew imiddu jdejhom ukoll.

Għodwa fost l-oħrajn, Rosaria marret tiftaħ bħas-soltu, u ssib ċorma nies u pulizija wara l-bieb. Xi ħallelin kienu daħlu mal-lejl, u serqu kulma sabu. B'saħħtu dejjem sejra lura, aħbar bħal din kienet titfgħu l-qabar lil André. Għalhekk Rosaria ddeċidiet li lil żewġha ma turih b'xejn.

L-aħbar xterdet bħal leħħa ta' berqa u ġiet irrappurtata fuq iż-żewġ gazzetti. Meta ħassu ftit aħjar, André ħareġ jippassiġġa u ltaqa' ma' ħabib tal-qalb tiegħu. Malli rah, dan urieh is-sogħba tiegħu għall-isfortuna li waqgħet fuq André. Għal din l-aħbar, André ħa dehxa kbira, reġa' xteħet marid fis-sodda, u fi ftit jiem għalaq għajnejh.



Ir-rota minn fejn tirregola l-ħin

Kuntratt kbir li kien rebaħ mingħand l-Ammirall, kien għadu nofs leħja meta miet. iż-żmien kien se jiskadi ma jdumx. Kellu jinstalla sistema ġdida fl-Arloġġ tal-Fran tas-Servizzi fix-Xatt tal-Birgu, biex dan l-Arloġġ jibda juri l-ħin fuq tliet faċċati. André laħaq żarma l-arloġġ u ħejja d-disinji. Lorenzo u Ġużeppi kienu għadhom daqsxejn ta' ġuvnotti, u rnexxielhom itemmu x-xogħol fil-ħin miftiehem, u hekk rebħu l-istima ta' kulħadd. Saħansitra l-Gvernatur, bagħatilhom ittra ta' rikonoxximent tal-bravura tagħhom. Dan kien il-bidu tal-karriera ta' "Suban Brothers Vittoriosa".

Għall-ħabta tal-bidu tas-seklu li għadda, l-Aħwa Suban bdew jesperimentaw fil-bini ta' arloġġi kbar. Fl-1905 installaw l-ewwel arloġġ fil-Knisja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi. Il-mudell ta' din il-magna kien l-arloġġ tal-Fran tal-Birgu li kienu sewwew xi snin qabel. Lorenzo kien jispeċjalizza fil-ħadma ta' l-għodda speċjalizzata u fit-tħaddim tat-torn. Ġużeppi ntefa' b'ruħu u ġismu biex jipperfezzjona mudell oriġinali li kellu jġibilhom fama u unuri. L-ewwel ordni għal dan l-arloġġ ġiet mill-Parroċċa tal-Qala f'Għawdex. Il-magna ntweriet fil-wirja prestiġġuża f' Wembley (1924) u rebħet midalja tad-deheb u ċertifikat tal-mertu. Wara ġie dak ta' Ħal Safi (1926), imbagħad dak ta' l-Istitut ta' San Ġużepp fil-Ħamrun (1929), imbagħad dak ta' Marsaxlokk (1936).

Għalkemm l-arloġġi l-kbar li bnew "Suban Brothers" huma kollha ta' l-istess tip, jidher li kull magna hija avvanz fuq ta' qabilha. Bla dubju ta' xejn, l-aqwa wieħed hu dak installat fil-Parroċċa ta' Marsaxlokk. Dan kien l-aħħar arloġġ kbir tad-Ditta Suban li Ġużeppi ħadem sena biss qabel miet. Sfortunatament dan l-arloġġ ġie modifikat fl-1976 minn ċertu Gordon Roberts. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien kien talbu biex jissettja d-daqq u biex, jekk jista' jkun, jinstallalu mekkaniżmu biex jista' jieħu l-ħabel waħdu b'mod mekkaniku mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed joqgħod kull darba jitla' fuq il-bejt tal-Knisja. Is-Sur Roberts installa mutur ta' magna tal-ħasil u "freewheel" ta' rota ma' kull rukkell tal-ħabel. Milli jidher is-Sur Roberts kien bniedem prattiku ħafna, iżda sfortunatament wettaq tibdiliet serji ħafna fuq l-arloġġ oriġinali. Dan inaqqas ħafna mill-prestiġju ta' l-arloġġ, kif ukoll itellef il-preċiżjoni. Ta' min, għal li ġej, jaħseb sew biex issir modifika aktar serja u l-arlogg jiġi restawrat minn arluġġar kompetenti.

Il-ħanut ta' "Suban Brothers" inqered bil-gwerra taħt it-terrapien, u miegħu intilfet is-sengħa tal-bini ta' l-arloġġi. Sa fejn naf jien, l-arloġġ ta' Marsaxlokk huwa l-aħħar arloġġ pubbliku manifatturat Malta. Imma t-tifkira ta' l-Aħwa Suban jibqgħu jtennuha t-tokki kiebja, li kull kwarta jfakkruna li ż-żmien għaddej, u ma jistenna lil ħadd!

Nota: Minn qalbi nirringrazzja lill-Arċipriet tar-Rabat, il-Kanonku Dun Louis Suban, li ġentilment aċċetta l-istedina li jikteb dan l-artiklu fuq l-antenati tiegħu, li ħadmu u nstallaw l-arloġġ li għandna fil-kampnar tal-Knisja tagħna. Jiena nilqa' s-suġġeriment tiegħu u ġa qed nitkellmu ma' arluġġar kompetenti sabiex isir restawr tajjeb ta' dan l-arloġġ, qabel ikun tard wisq. (Il-Kappillan).